MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## GABRIELLA VELLA

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2015

Avviz Numru. 412/2009

**Bank of Valletta p.l.c.**

**Vs**

**Bernard u Isabel mizzewgin Cassar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat mis-socjetà Bank of Valletta p.l.c. fit-28 ta' Ottubru 2009 permezz ta' liema titlob li Bernard u Isabel konjugi Cassar jigu kkundannati jhallsuha is-somma ta' disat elef u ghaxar Euro u erbatax-il centezmu (€9,010.14) bilanc ghad-debitu fil-*Loan Account* taghhom maghha, flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-16 ta' Ottubru 2009 sad-data ta' l-effettiv pagament, liema *loan* gie moghti lill-konjugi Cassar permezz ta' skrittura privata datata 27 ta' Ottubru 2008, u dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata imsemmija partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konjugi Cassar (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjetà attrici kif stipulat fl-imsemmija skrittura; u (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skrittura sopra indikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konugi Cassar li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lilha u b'hekk il-konjugi Cassar iddekadew

mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa, bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 15 ta' Lulju 2009, liema ittra giet oggezzjonata, kontra l-konjugi Cassar;

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors promotur a fol. 2 sa' 10 tal-process;

Rat ir-Risposta tal-konjugi Cassar permezz ta' liema jopponu ghat-talba attrici u jitolbu li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici, stante li: (a) l-"iskrittura privata" esebita mis-socjetà attrici datata 27 ta' Ottubru 2008 u immarkata Dok. "B" qatt ma giet iffirmata jew accettata minnhom; (b) is-socjetà attrici wettqet nuqqasijiet grossolani bi zbalji pwerili fl-amministrazzjoni tal-*Credit Card Account Facility* li huma kellhom mal-Bank billi bdiet b'mod sistematiku u misterjuz tqieghed f'dan il-kont, b'diversi pagamenti u ad insaputa taghhom, ammonti ta' flus li sakemm gie realizzat x'kien qed jigri b'kollox ammontaw ghal tlett elef sitt mija erbgha u tmenin Euro u disgha u sebghin centezmu (€3,684.79); (c) fil-15 ta' Marzu 2007 is-socjetà attrici informathom b'dan l-"izball" u talbet refuzjoni shiha w immedjata tas-somma li kienet tqieghdet minnha fil-kont taghhom fuq imsemmi. Peress li huma ma kienux irrealizzaw b'dak li kien qed jigri, uzaw is-somma li kienet giet depozitata mis-socjetà attrici u ma kienux f'posizzjoni finanzjarja li jhallsu lura din is-somma immedjatament; (d) huma ilmentaw dwar il-fatt li l-kont taghhom issa spicca fi zbilanc bil-konsegwenza li huma kienu ser ibaghtu imghaxijiet ingustament minhabba n-nuqqas tas-socjetà attrici, apparti tbatija ingusta; (e) b'e-mail datata 14 ta' Gunju 2007, is-socjetà attrici intrabtet u obbligat ruhha *to reverse any interest charged to the card account during the following 24 month period as a measure to reduce the impact of the bulk debit*; (d) is-socjetà attrici ghall-ewwel bdiet tonora dak li kienet weghdet billi ghall-ewwel tlett xhur mill-ftehim u cioè fit-2 ta' Lulju 2007, fl-1 ta' Awwissu 2007 u fl-1 ta' Settembru 2007 ghamlet *reversal* ta' l-imghax li kien iddekorra fuq il-bilanc li kien hemm f'dan il-kont bankarju taghhom; (e) sussegwentement is-socjetà attrici, wara n-nuqqasijiet serji taghha kif fuq spjegati, arbitrarjament ghazlet ukoll li ma tibqax tonora dan il-ftehim billi wara li huma kienu qed jiddepozitaw l-ammont miftiehem kull xahar, hija bdiet tonqos milli tagheml *reversal* ta' l-imghax shih li kien iddekorra fuq il-kont taghhom u ghalhekk is-socjetà attrici ma kenitx qed tonora l-ftehim kif milhuq; (f) minkejja diversi talbiet da parte taghhom sabiex tonora dak maqbul minnha, is-socjetà attrici avzathom li ma kenitx lesta li tkompli taghmel *reversal* ta' l-imghax li kien qed jiddekorri fuq il-bilanc intier, u dan minkejja li kien gie hekk miftiehem originarjament; (g) mihabba dan l-agir tas-socjetà attrici, huma min-naha taghhom kellhom iwaqqfu l-pagamenti u ma baqghux jonoraw dan il-ftehim. Sussegwentement is-socjetà attrici esegiet li huma jipprevalixxu ruhhom mill-facilità imsemmija fid-dokument Dok. "B" esebit mar-Rikors promotur, haga li huma qatt ma accettaw u qatt ma ffirmaw; (h) immedjatament kif is-socjetà attrici terga tibda tonora l-ftehim milhuq fl-14 ta' Gunju 2007, huma jaghmlu l-istess u dana billi *pacta sunt servanda* ghal kull parti; (i) subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, b'konsegwenza tal-fatt li l-ammont allegatament dovut lis-socjetà

attrici ma giex komputat skond il-ftehim raggunt bejn il-kontendenti, lanqas hemm qbil ma’ l-ammont reklamat mis-socjetà attrici, dana wkoll peress illi fl-ammont reklamat gew komputati imghaxijiet li ma kellhomx jigu komputati, u billi wkoll l-ammont komputat inhadem b’mod ingust u mhux in linea ma’ *financial conventions* u b’rati u *charges* eccessivi; (j) il-kawza odjerna saret biss bhala ritaljazzjoni talli l-konvenut Bernard Cassar ma baqax jahdem mas-socjetà attrici u mar jahdem ma’ Bank kompetitur, tant li anke gie intavolat Mandat ta’ Sekwestru kontrih f’tentattiv biex jigi imbarazzat mal-principal il-gdid tieghu, meta tali Mandat Kawtelatorju ma kienx assolutament mehtieg;

Rat l-affidavit ta’ Mary Grace Perrone markat Dok. “MGP1” u d-dokumenti annessi mieghu markati Dok. “GP1” u Dok. “GP2” u l-affidavit ta’ Pierre Bonnici markat Dok. “PB1” esebiti mis-socjetà attrici permezz ta’ Nota ipprezentata fil-25 ta’ Jannar 2010 a fol. 23 sa’ 31 tal-process, semghet ix-xhieda ta’ Joe Borg Cardona moghtija waqt is-seduta tal-25 ta’ Jannar 2010[1], semghet ix-xhieda tal-konvenut Bernard Cassar moghtija waqt is-seduti tas-16 ta’ Frar 2010[2] u tat-2 ta' Mejju 2011[3] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. “BC1” u Dok. “BC2” a fol. 35 u 36 tal-process, semghet ix-xhieda ta’ Mary Grace Perrone moghtija waqt is-seduti tal-15 ta’ Gunju 2010[4] u tat-2 ta' Mejju 2011[5] u x-xhieda ta’ Pierre Bonnici moghtija waqt is-seduti tal-15 ta’ Gunju 2010[6], tat-18 ta' Ottubru 2010[7] u tad-29 ta' Novembru 2010[8] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "PB1", li a sua volta jinkorpora d-dokumenti markati PBA1 sa' PBA 32, u Dok. "PB2" a fol. 56 sa’ 96 tal-process;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà attrici u rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenuti konjugi Cassar;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici titlob li l-konvenuti konjugi Cassar jigu ikkundannati jhallsu s-somma ta’ €9,010.14 bilanc ghad-debitu fil-*Loan Account* taghhom maghha, flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mis-16 ta’ Ottubru 2009 sad-data ta’ l-effettiv pagament, liema *loan* gie moghti lill-konvenuti konjugi Cassar permezz ta’ skrittura privata datata 27 ta’ Ottubru 2008, u dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata imsemmija partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti konjugi Cassar (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjetà attrici kif stipulat fl-imsemmija skrittura; u (b) kienu inadempjenti

[1] Fol. 32 u 33 tal-process.
[2] Fol. 37 sa’ 43 tal-process.
[3] Fol. 108 u 109 tal-process.
[4] Fol. 45 sa’ 47 tal-process.
[5] Fol. 106 u 107 tal-process.
[6] Fol. 50 sa’ 54 tal-process.
[7] Fol. 97 u 98 tal-process.
[8] Fol. 100 sa’ 102 tal-process.

f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skrittura sopra indikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti konugi Cassar li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lilha u b'hekk il-konvenuti konjugi Cassar iddekadew mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Il-konvenuti konjugi Cassar jopponu ghat-talba tas-socjetà attrici u jitolbu li l-istess tigi michuda a bazi tas-segwenti eccezzjonijiet centrali: (i) l-"iskrittura privata" datata 27 ta' Ottubru 2008 esebita mis-socjetà attrici flimkien mar-Rikors promotur u markata Dok. "B" qatt ma giet iffirmata jew accettata minnhom; (ii) is-socjetà attrici wettqet nuqqasijiet grossolani bi zbalji pwerili fl-amministrazzjoni tal-*Credit Card Account Facility* li huma kellhom mal-Bank; (iii) subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, b'konsegwenza tal-fatt li l-ammont allegatament dovut lis-socjetà attrici ma giex komputat skond il-ftehim raggunt bejn il-kontendenti, lanqas hemm qbil ma' l-ammont reklamat mis-socjetà attrici, dana wkoll peress illi fl-ammont reklamat gew komputati imghaxijiet li ma kellhomx jigu komputati, u billi wkoll l-ammont komputat inhadem b'mod ingust mhux in linea ma' *financial conventions* u b'rati u *charges* eccessivi; u (iv) il-kawza odjerna saret biss bhala ritaljazzjoni talli l-konvenut Bernard Cassar ma baqax jahdem mas-socjetà attrici u mar jahdem ma' Bank kompetitur, tant li anke gie intavolat Mandat ta' Sekwestru kontrih f'tentattiv biex jigi imbarazzat mal-principal il-gdid tieghu, meta tali Mandat Kawtelatorju ma kienx assolutament mehtieg.

Mill-provi prodotti jirrizultaw is-segwenti fatti:[9]

- Il-konvenuti konjugi Cassar kellhom *Credit Card Facility Account* mas-socjetà attrici pertinenti ghal *Visa Gold Card* li kienet tigi wtilizzata minnhom b'mod frekwenti ghal diversi bzonnijiet taghhom, bhal ad ezempju ghall-akkwisti li kienu jaghmlu minn fuq l-internet u ghall-hlas ta' kontijiet ohra;
- Il-hlasijiet ta' l-ammonti wtilizzati mill-konvenuti konjugi Cassar minn fuq il-*Visa Gold Card* abbinata ma' tali kont kienu jsiru minnhom b'mod regolari izda kien hemm perijodu ta' sentejn, senjatament bejn it-23 ta' Novembru 2004 u t-23 ta' Settembru 2006, fejn il-kont in kwistjoni kien qed jigi *credited* mill-Bank bid-depozitu opportun minghajr però ma jigi *debited* kont tal-konvenuti konjugi Cassar ghall-ammont korrispondenti ghad-depozitu, liema hlasijiet inkorsi mis-socjetà attrici jammontaw komplessivament ghal €3,684.79, ekwivalenti ghal Lm1,581.88[10];
- Hekk kif is-socjetà attrici indunat b'dak li kien qed jigri infurmat lill-konvenuti konjugi Cassar u talbithom ihallsuha s-somma ta' Lm1,581.88, ekwivalenti ghal €3,684.79[11];

[9] Xhieda tal-konvenut Bernard Cassar moghtija waqt is-seduta tas-16 ta' Frar 2010, fol. 37 sa' 43 tal-process.
[10] Affidavit ta' Pierre Bonnici a fol. 30 u 31 tal-process u xhieda tal-konvenut moghtija waqt is-seduta tas-16 ta' Frar 2010, fol. 37 sa' 43 tal-process.
[11] E-mail ta' Pierre Bonnici lill-konvenut datata 15 ta' Marzu 2007 a fol. 35 tal-process.

- Ghall-fini li l-konvenuti konjugi Cassar ma jigux eccessivament ippregudkati b'din is-sitwazzjoni ntlahaq ftehim bejnhom u l-Bank fis-sens illi l-ammont pretiz mis-socjetà attrici jithallas minnhom fuq perijodu ta' sentejn minghajr imghax. Il-ftehim essenzjalment jinsab riportat f'*e-mail* ta' Pierre Bonnici lill-konvenut datata 14 ta' Gunju 2007[12] fejn infurmah illi *we have increased your card limit by Lm1,600.00 for two years up to the 13th June 2009. New temporary limit is now Lm3,600.00. We will be debiting the card with the amounts listed below. We agreed also that card services will be reversing any interest charged to the card account during the next 24 month period, as a measure to reduce the impact of this bulk debit*;
- Bhala fatt wara din l-*e-mail* kien hemm *reversal* ta' imghax fi tlett okkazzjonijiet: fit-2 ta' Lulju 2007 ghall-ammont ta' Lm10.50, ekwivalenti ghal €24.46, fl-1 ta' Awwissu 2007 ghall-ammont ta' Lm25.45, ekwivalenti ghal €59.28 u fl-1 ta' Settembru 2007 ghall-ammont ta' Lm19.03, ekwivalenti ghal €44.33, liema *reversals* kienu ghall-ammont ta' kull imghax akkumulat fuq il-kont in kwistjoni[13];
- Ir-raba' *reversal* però ma giex effettwat u wara diversi xhur minghajr ma jsir ebda *reversal,* sar *reversal* fl-ammont komplessiv ta' €331.63, ekwivalenti ghal Lm142.36, fit-8 ta' Marzu 2008, li kien jirrapprezenta l-imghax akkumulat tul dak il-perijodu fuq is-somma ta' Lm1,581.88 biss u mhux fuq l-ammont intier tal-kont in kwistjoni[14];
- In segwitu ghal ilment da parte tal-konvenuti konjugi Cassar dwar il-modalità u l-*quantum* tar-*reversal* li skonthom ma kienx ai termini ta' dak miftiehem, b'*e-mail* datata 5 ta' Gunju 2008[15] Pierre Bonnici infurmahom illi *the mail below* [ossia l-*e-mail* ta' l-14 ta' Gunju 2007] *may not be clear – apologies for that. We were collecting funds due to the bank, which were old-dated. The measure taken to reduce the impact of the bulk debit of these amounts, was logically referring to the interest generated on the same amounts, and not on the full card limit;*
- B'ittra datata 24 ta' Gunju 2008[16] il-konvenuti konjugi Cassar mill-gdid ilmentaw dwar l-posizzjoni adottata mis-socjetà attrici u baqghu jinsistu li l-istess socjetà ma kenitx qed tonora l-ftehim milhuq maghhom u ghalhekk talbu: (1) *the bank to reverse the amount of Lm1,581.88 which I was discreetly forced to repay; I am asking for this reversal on the basis that the errors occurred over a long period of time, was amounts undetected by both parties, was money already spent and it is unfair to have me repay this amount;* (2) *furthermore, I am asking the bank to repay all amounts in interest that were promised to be reversed*; (3) *in view of the late or missing repayments in my favour, I am also claiming that the bank must also refund me any amounts charged to my account whenever I made a late repayment. This to be fair and*

[12] Fol. 35 tal-process.
[13] Affidavit ta' Pierre Bonnici a fol. 30 u 31 tal-process.
[14] Affidavit ta' Pierre Bonnici a fol. 30 u 31 tal-process.
[15] Fol. 36 tal-process.
[16] Fol. 26 sa' 28 tal-process.

*consistent*; (4) *send me a letter of apology making reference to each of the incidents above and informing how the problem that the bank created is to be solved. Until the above happens, I am stopping my repayments on my card. Furthermore, unless I receive exactly what I am asking, which is only fair, within a month of this letter, I would send a copy of this letter to MFSA and to the press*;

- B'ittra datata 25 ta' Lulju 2008[17], is-socjetà attrici infurmat lill-konvenuti konjugi Cassar li *the Bank is unable to accept your request for the reimbursement of EUR3,684.79. We are however accepting your request for the reversal of any interest charged to the card account during the period between the 14th June 2007 and the 13th June 2009, less the amounts of Lm10.50, Lm25.45, Lm19.03 and Eur331.63 which have already been credited to your card account*;
- Fil-21 ta' Ottubru 2008 il-bilanc komplessiv fil-kont in kwistjoni, ossia l-kont relattiv ghall-*Visa Gold Card* tal-konvenuti konjugi Cassar, ammontanti ghal €8,577.18, liema ammont jinkludi s-somma ta' €3,684.79 rapprezentanti l-ammont mitlub lura mill-Bank ghall-ammonti *credited* fil-kont tal-konvenuti, gie trasferit f'*loan account* bin-numru 40017678236 li s-socjetà attrici fethet ghall-konvenuti konjugi Cassar. Il-konvenuti konjugi Cassar gew infurmati b'dan it-trasferiment permezz ta' ittra datata 27 ta' Ottubru 2008[18];
- Fit-23 ta' April 2009, is-somma ta' €266.75, rapprezentanti l-imghax li akkumula minn meta gie ddebitat l-ammont ta' Lm1,581.88 fil-kont relattiv ghall-*Visa Gold Card* tal-konvenuti konjugi Cassar, ossia l-14 ta' Gunju 2007, sakemm l-imsemmi kont gie kkonvertit f'self fil-21 ta' Ottubru 2008, giet ikkreditata fil-*loan account* imsemmi;
- Il-konvenuti konjugi Cassar baqghu jsostnu l-posizzjoni taghhom u ma hallsux il-bilanc pretiz mis-socjetà attrici u konsegwentement l-imsemmija socjetà istitwiet il-proceduri odjerni fil-konfront taghhom.

Fir-Risposta taghhom ghat-talbiet tas-socjetà attrici l-konvenuti konjugi Cassar jikkontendu b'mod preliminari li l-"iskrittura privata" datata 27 ta' Ottubru 2008 u esebita mis-socjetà attrici bhala Dok. "B" mar-Rikors promotur, qatt ma giet iffirmata jew accettata minnhom. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghhom il-konvenuti jikkontendu ulterjorment illi ladarba mill-provi prodotti jirrizulta li huma qatt ma ffirmaw jew accettaw il-kontenut ta' dak id-dokument, liema dokument jifforma l-bazi fuq liema hija msejsa l-azzjoni fil-konfront taghhom, huma *qatt ma kienu marbuta bil-kundizzjonijiet imsemmija fl-istess skrittura w allura t-talbiet tal-Bank rikorrenti u d-dikjarazzjoni mitluba fl-avviz promotur qatt ma jistghu jigu milqugha minn din l-Onorabbli Qorti <u>u dan ghaliex l-ebda Qorti ma tista' fid-decizjoni taghha tmur lil hinn minn dak mitlub jew taghti aktar minn dak li tigi mitluba</u>*[19].

[17] Fol. 29 tal-process.
[18] Fol. 3 u 4 tal-process.
[19] Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenuti konjugi Cassar, fol. 125 tal-process. Sottolinear ta' l-istess konvenuti konjugi Cassar.

Ghalkemm il-Qorti taqbel mal-konvenuti konjugi Cassar illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li d-dokument ossia ittra tal-Bank indirizzata lilhom datata 27 ta' Ottubru 2008, gie ffirmat jew accettat minnhom, Hija ma taqbilx maghhom li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda pratikament b'mod awtomatiku.

Apparte l-fatt li l-konvenut Bernard Cassar kategorikament jichad li huwa u/jew martu qatt iffirmaw jew accettaw il-kontenut ta' l-ittra datata 27 ta' Ottubru 2008, mill-istess ittra jirrizulta li l-*Credit Card Facility Account* tal-konvenuti konjugi Cassar gie konvertit f'*Loan Account* mis-socjetà attrici b'mod unilaterali. In effetti fl-ittra in kwistjoni jinghad illi *we regret to note that, despite our various communications, you have failed to settle the overdue amount on your account number 4459510005690033. Consequently, the Bank is constrained to cancel your credit card account and transfer the full outstanding debit balance to the captioned Credit Card Loan Account which shall be regulated by the following terms and conditions*[20] ... Ladarba dan il-*Loan Account* gie kkreat u l-kondizzjonijiet li jirregolawh gew imposti fuq il-konvenuti konjugi Cassar mis-socjetà attrici b'mod unilaterali ma hemmx l-element ta' ftehim bejn il-partijiet kontendenti li jirrendu dik l-ittra skrittura privata, ossia ftehim bil-miktub bejn is-socjetà attrici u l-konvenuti konjugi Cassar, kif pretiz mis-socjetà attrici fir-Rikors promotur.

Nonostante tali fatt però, mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenuti konjugi Cassar huma debituri tas-socjetà attrici versu ammont bilancjali relattiv ghall-*Credit Card Facility Account*, fatt dan minnhom stess ammess fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghhom[21], liema ammont in parte jirrapprezenta *advances* maghmula mis-socjetà attrici lill-konvenuti konjugi Cassar meta utilizzaw il-*Visa Gold Card* taghhom ghal transazzjonijiet li sehhew wara it-23 ta' Settembru 2006 u in parte jirrapprezenta l-ammont komplessiv li tul il-perijodu bejn it-23 ta' Novembru 2004 u t-23 ta' Settembru 2006 gie *credited* mis-socjetà attrici versu l-kont abbinat mal-*Visa Gold Card* tal-konvenuti minghajr ma l-istess ammonti gew *debited* lill-konvenuti minn kontijiet ohra taghhom. Ghalhekk ghalkemm il-pretensjoni tas-socjetà attrici fil-konfront tal-konvenuti konjugi Cassar in verità ma hijiex ibbazata fuq l-"iskrittura privata" datata 27 ta' Ottubru 2008 kif pretiz minnha fir-Rikors promotur, zgur ma jistax jinghad li l-istess socjetà ma ghandha ebda pretensjoni fil-konfront tal-konvenuti jew li l-pretensjoni taghha hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk il-Qorti, li del resto hija Qorti ta' gurisdizzjoni civili sede inferjuri, tqis li ghandha tapplika l-principju ormai assodat fis-sistema guridika nostrali li *f'kaz li mill-fatti tal-kawza tirrizulta kawzali diversa minn dik dedotta fic-citazzjoni l-Qorti hi fakoltizzata li, fejn jokkorilha, tipprovdi*

[20] Sottolinear tal-Qorti. Dok. "B" fol. 3 u 4 tal-process.
[21] Fol. 128 tal-process.

*fuq il-meritu in bazi ghall-kriterju ta' ekwipollenza jekk jinsab li hemm ekwivalenza logika u bastanti biex wiehed ma jinkorriex f'nullità.*

F'tali rigward issir referenza ghal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Design Elements Limited v. Michael P. Camilleri pro et noe, Appell Civili Nru. 2399/97** deciza fl-20 ta' Ottubru 2004, *hu ritwalment rikjest bl-Artikolu 156 (1) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili illi l-oggett u r-raguni tat-talba fic-citazzjoni ghandhom ikunu mfissra car u sewwa u in linea ta' principju dawn ma jistghux jigu mibdula jew aggunti. Tant li jinsab enuncjat f'bosta sentenzi illi l-Qorti ghandha toqghod ghat-talba kif tkun giet imfissra fl-att tac-citazzjoni, u ma tistax tiddeciedi fuq xi dritt iehor li jkun jirrizulta, imma li ma jkunx jidhol sewwa fit-talba kif imfissra fl-att tac-citazzjoni (Kollez Vol XXXIX pI p243). Fi kliem iehor il-kawzali tad-domanda hija dik espressa fic-citazzjoni u mhux lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni (Kollez Vol. XXXIV pI p108). Gie però enuncjat ukoll illi f'kaz li mill-fatti tal-kawza tirrizulta kawzali diversa minn dik dedotta fic-citazzjoni il-Qorti hi fakoltizzata li, fejn jokkorrilha, tipprovdi fuq il-meritu in bazi ghall-kriterju ta' ekwipollenza jekk jinstab li hemm ekwivalenza logika u bastanti biex wiehed ma jinkorriex f'nullita`(Kollez Vol XXIX pII p698; Vol XLVIII pII p777). Dan in omagg ghal dak il-hsieb ispiratur, traccjat f'bosta decizjonijiet, li jevita kemm jista' jkun il-moltiplikazzjoni u d-dilazzjoni tal-liti u li jiskoragixxi l-formalizmu rigidu li "si attaccava con troppa severità e poco riguardo agli interessi dei contendenti e dell'ammistrazione della giustizia in generale"[22] (Kollez Vol XXVI pI p424). U allura kien sostnut, "nulla osta a che dietro le prove da farsi si dichiari il vero carattere dei rapporti guridici dei contendenti derivanti dai fatti ossia delle operazioni tra loro seguite, nello scopo di provvedere perche restino liquidati, se il caso cosi esigesse per la retta amministrazione della giustizia" (Kollez Vol X pagna 1). Aktar fundamentali minn hekk hu l-fatt illi l-Qorti ta' gurisdizzjoni civili ta' sede inferjuri mhiex marbuta bil-kawzali ta' l-avviz. Dan hu dezunt bl-aktar mod car mit-test tal-ligi procedurali kif espress fl-artikolu 213 tal-Kap 12 abbinat ukoll mal-artikolu 171 (1) tal-istess Kap[23]. "Trattandosi di domanda introdotta per avviso nella Corte Inferiore la legge è meno rigorosa quanto alla forma della stessa, che se fosse introdotta in una Corte Superiore" (Kollez Vol XXIV pI p615). Ifisser ghalhekk li l-pretensjoni tista' tkun artikolata bi kwalunkwe forma intelligibbli, "e su tale domanda la Corte proceda "sola facti vertate inspecta", applicando la legge secondo il fatto provato, malgrado che la domanda medesima non sia stata cosi regolare come avrebbe dovuto essere in un procedimento innanzi una Corte Superiore" (Kollez Vol XII pagna 316).*

Fil-fehma tal-Qorti fil-kaz in ezami *hemm ekwivalenza logika u bastanti* bejn il-kawzali kif dedotta mis-socjetà attrici fir-Rikors promotur u *il vero*

[22] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[23] Sottolinear ta' din il-Qorti.

*carattere dei rapporti guridici dei contendenti derivanti dai fatti ossia delle operazioni tra loro seguite* kif rizultanti mill-provi prodotti, li jippermettu lil din il-Qorti li tipprovdi fuq il-meritu ta' dawn il-proceduri.

Trattata din il-kwistjoni l-Qorti ulterjorment tosserva li fir-Risposta taghhom ghat-talbiet attrici l-konvenuti konjugi Cassar jikkontendu li minkejja l-ilmenti taghhom versu l-agir u l-operat tas-socjetà attrici fil-konfront taghhom, agir u operat minnhom deskritt bhala *nuqqasijiet grossolani bi zbalji pwerili fl-amministrazzjoni tal-Credit Card Account Facility* u inadempjenza ghall-ftehim milhuq dwar il-hlas lura ta' l-ammont ta' €3,684.79[24], ***immedjatament malli l-Bank jerga' jibda jonora l-ftehim milhuq bejn il-partijiet fl-14 ta' Gunju 2007*** – ossia li jkun hemm *reversal* ta' l-imghax akkumulat fuq il-bilanc intier tal-kont relattiv ghall-*Visa Gold Card* taghhom – ***l-istess jaghmlu l-esponenti, u dana billi pacta sunt servanda ghal kull parti***[25].

Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghhom il-konvenuti konjugi Cassar ulterjorment jikkontendu li *minghajr pregudizzju ghal dak li gie rilevat taht sub-paragrafu (3)(i) ta' din in-nota ta' sottomissjonijiet* [ossia l-kwistjoni dwar il-fatt li l-"iskrittura privata" datata 27 ta' Ottubru 2008 qatt ma giet iffirmata jew accettata minnhom], *l-esponenti jissottomettu bir-rispett illi l-ezercizzju li ghandha taghmel din l-Onorabbli Qorti biex tasal ghal gudizzju taghha huwa billi tikkalkola l-ammonti li thallsu sal-gurnata ta' illum mill-intimati u tnaqqas tali ammonti mill-ammont komplessiv li gie depozitat bi zball fil-kont taghhom mill-Bank rikorrenti, u cioè mis-somma ta' €3,684.79c. Il-bilanc ghandu jirrifletti l-ammont dovut lill-Bank mill-esponenti. F'kaz illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' t-talba tal-Bank rikorrent,* ***l-esponenti jissottomettu illi huma disposti li jhallsu s-somma ta' €7,907.32 rapprezentanti l-bilanc komplessiv dovut fuq il-credit card ta' l-intimati wara li jitnaqqsu l-ammonti ta' €71.34 bhala late payment fees, is-somma ta' €331.77 u s-somma ta' €266.75 rapprezentanti accrued interests li gew iccargjati fuq il-kont u li l-esponenti mhumiex disposti li jhallsu u cioe: €8,577.18c – Bilanc fuq il-Credit Card - €266.75, €331.77, €71.34 – Total dovut €7,907.32***[26]. *Illi dan jinghad ghaliex gialadarba irrizulta, u dan anke skont ma gie ammess mir-rapprezentanti tal-Bank rikorrent innifsu, illi saru sensiela ta' zbalji minn-naha tal-Bank b'detriment ghall-esponenti, l-esponenti m'ghandhomx jigu kkundannati jhallsu imghaxijiet fuq is-somma li giet depozitata fl-ammont ta' €3,684.97 (Lm1,581.88) u lanqas fuq il-bilanc komplessiv dovut fuq il-credit card. In oltre, l-esponenti jissottomettu illi huma ma ghandhomx jigu kkundannati ihallsu late payment fees jew charges li kienu qed jigu addebitati fuq il-kont taghhom. Dan jinghad ghaliex, skont il-gurisprudenza nostrana, wiehed ma jistax jibbenefika minn zball tieghu nnifsu u ghalhekk il-Bank rikorrent ma jistax jippretendi li r-*

[24] Paras. 2 sa' 9 tar-Risposta tal-konvenuti konjugi Cassar.
[25] Para. 10 tar-Risposta tal-konvenuti konjugi Cassar. Enfasi tal-Qorti.
[26] Enfasi tal-Qorti.

*rikorrenti jhallsu sommom oltre minn dak li fil-fatt gew depozitati fil-kont ta' l-intimati. Fil-fatt dan ir-ragunament jirrifletti l-ftehim li kien milhuq bejn il-partijiet b'e-mail datata 14 ta' Gunju 2007 li permezz taghha l-Bank rikorrent intrabat u obbliga ruhu "to reverse any interest charged to the card account during the following 24 month period as a measure to reduce the impact of the bulk debit"*[27]. *Ftehim li ghal darb' ohra l-Bank rikorrent rega' lura minnu ghaliex skontu, din l-e-mail kienet intbaghtet frott ta' zball iehor min-naha tal-Bank.*

Minn dan appena citat jirrizulta car li l-kontestazzjoni tal-konvenuti konjugi Cassar essenzjalment tirrivolvi madwar il-pretensjoni tas-socjetà attrici ghall-hlas tal-*late payment fees* u ta' l-imghax fuq il-bilanc dovut, stante li fil-fehma taghhom fid-dawl ta' l-agir negligenti w inadempjenti tas-socjetà attrici fil-konfront taghhom huma ma ghandhomx jigu mgieghla jhallsu tali *late payment fees* u imghaxijiet.

Is-socjetà attrici tikkontendi illi l-imghax kollu fuq il-bilanc intier fil-kont relattiv ghall-*Visa Gold Card* tal-konvenuti konjugi Cassar gie effettivament *reversed* a favur taghhom permezz ta' zewg *reversals* – oltre l-ewwel tlett *reversals* dwar liema ma hemmx kontestazzjoni – wiehed ta' €331.63 fit-8 ta' Marzu 2008 u iehor ta' €266.75 fit-23 ta' April 2009. In sostenn ta' dan is-socjetà attrici esebiet ir-rendikonti relattivi ghall-kont relattiv ghall-*Visa Gold Card* tal-konvenuti konjugi Cassar ghall-perijodu bejn it-2 ta' Lulju 2007 u t-2 ta' Settembru 2009 – Dok. "PBA1" sa' Dok. "PBA30" a fol. 57 sa' 86 tal-process – kif ukoll prospett minn liema jirrizulta l-ammont ta' imghax akkumulat fuq il-bilanc intier ta' tali kont sal-perijodu meta l-istess kont inghalaq u gie konvertit f'*Loan Account* u d-dati meta permezz ta' diversi *reversals* dan l-ammont kollu gie *reversed* a favur il-konvenut.

F'tali rigward xehed ukoll Pierre Bonnici li kkonferma li l-imghax kollu li akkumula fuq il-bilanc intier tal-kont relattiv ghall-*Visa Gold Card* tal-konvenuti konjugi Cassar ammontanti ghal €726.45 gie *reversed* a favur l-istess konvenuti[28] izda spjega wkoll illi *s-somma ta' €331.77 giet migbuda mill-kont tal-konvenut f'Marzu 2009 u fil-fatt kien ammont ta' imghax li kien akkumula fuq il-bilanc tal-konvenut wara li kien inqaleb f'loan. Il-ftehim mal-konvenut kien sar f'Gunju 2007. Sa' meta kien gie posted dan l-imghax f'Marzu 2009 jiena nikkonferma li ma kienux ghaddew is-sentejn. Ghalkemm ma kienux ghaddew is-sentejn irrid nghid li r-reversal ta' €266.75 jinkludi reversal ta' imghaxijiet sa' l-ahhar tat-24 month period. Nerga' nghid li s-somma ta' €331.77 huwa imghax li kien dovut meta nfetah il-loan. Fid-dokument PBA 30 a fol. 86 tal-process hemm somma ta' €71.34 li giet akkreditata favur il-konvenut u din kienet somma oltre l-perijodu ta' erbgha u ghoxrin xahar u din hadha fuq il-bank. Irrid niccara illi jiena f'din il-kwistjoni inqalbet recoveries services u allura dwar dan l-imghax ta' €331.77*

[27] Sottolinear tal-konvenuti konjugi Cassar.
[28] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-18 ta' Ottubru 2010 a fol. 97 u 98 tal-process.

*mhux li proprja nista' naghti hafna informazzjoni. Il-card inghalqet f'Settembru 2009 u dana flimkien ma' l-ahhar statement li hemm a fol. 86 tal-process*[29].

Graziella Perrone, li tressqet mis-socjetà attrici bhala r-rapprezentant taghha inkarigat mir-Recoveries Section, xehedet illi: *qed issirli referenza ghad-dokument esebit a fol. 87 immarkat bhala PBA 31 u ghas-somma ta' 333.17 li fuq l-istess dokument tirrizulta reversed fil-kont tal-konvenut u nghid li dan huwa imghax li jghaddi awtomatikament fil-kont tal-klijent kull Marzu u Settembru ta' kull sena. Fil-kaz in kwistjoni meta l-bank fetah il-kawza fl-2009 m'ghamilx claim biex jehodhom lura minghand il-konvenut. Dan l-ammont mhux inkluz fl-ammont li qed jitlob il-bank f'din il-kawza u nerga' ntenni li mhuwiex inkluz fis-simple interest statement. Qed naghmel referenza ghad-dokument li gie anness mar-rikors promotur fejn jirrizulta l-ammont mitlub mill-bank. L-ammont li qed jitlob il-bank huwa ta' €8577 li huma dovuti mill-bank lill-konvenut. Jirrizulta li kien sar refund ta' €266.75 mill-bank lill-konvenut u bhala ammont dovut huwa l-imghax indikat f'dak l-istess dokument bhala dovut sas-16 ta' Ottubru 2009. Nerga' ntenni li s-somma ta' €331.17 mhijiex qed tigi mitluba mill-bank. Qed nigi mistoqsija jekk jiena nafx bil-problemi li nqalghu bejn il-bank u l-konvenut u nirrispondi li iva u naf ukoll li sar xi forma ta' arrangement bejniethom u kien sar ir-refund ta' €266.75 li semmejt. Fir-rigward tas-somma ta' €331.17 nerga' ntenni li s-somma ta' €331.17 ma kienetx parti minn dan il-ftehim. Din is-somma ma kienetx inkluza f'dan il-ftehim ghar-raguni li l-kwistjoni fir-rigward taghha inqalghet wara li ntlahaq ftehim bejn il-bank u l-konvenut. Nerga' ntenni li dan l-ammont huwa computer generated u proprju in vista tal-ftehim li kien intlahaq mas-Sur Cassar, il-bank mhux qed jitlob il-hlas ta' dan l-ammont*[30].

Minn ezami tad-dokumenti li jaghmlu referenza ghalihom Pierre Bonnici u Graziella Perrone, ossia d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur u d-dokumenti markati Dok. "PBA1" sa' Dok. "PBA31" a fol. 57 sa' 87 tal-process, u b'mod partikolari tar-rendikont esebit mar-Rikors promotur a fol. 2 tal-process, ir-rendikont esebit bhala Dok. "PBA30" a fol. 86 tal-process u r-rendikont esebit bhala Dok. "PBA31" a fol. 87 tal-process, jirrizulta li: (i) ghalkemm mir-rendikont a fol. 87 tal-process datat 31 ta' Dicembru 2009, ossia data li tigi wara l-prezentata ta' dawn il-proceduri, jirrizulta li fit-30 ta' Marzu 2009 gie *posted* imghax fl-ammont ta' €331.77 b'dana li l-bilanc fil-kont tal-konvenuti konjugi Cassar zdied minn €8,577.18 ghal €8,908.95, mir-rendikont a fol. 2 tal-process, li huwa r-rendikont li jispjega l-ammont pretiz mis-socjetà attrici fil-proceduri odjerni, jirrizulta li s-somma ta' **€331.77** ma hijiex inkluza u ghalhekk jirrizulta kkonfermat dak affermat minn Graziella Perrone li dan l-ammont partikolari ma huwiex inkluz fl-ammont pretiz mis-socjetà attrici minghand il-konvenuti konjugi Cassar b'dawn il-proceduri; (ii)

[29] Xhieda moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' Novembru 2010, fol. 100 u 101 tal-process.
[30] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-2 ta' Mejju 2011, fol. 106 u 107 tal-process.

in kwantu rigwarda is-somma ta' **€71.34** jirrizulta mid-dokument Dok. "PBA30" a fol. 86 tal-process li dan l-ammont gie *reversed* a favur il-konvenuti konjugi Cassar f'Awwissu ta' l-2006 u ghalhekk ma hemmx il-htiega li dan l-ammont jitnaqqas mis-somma pretiza minghandhom mis-socjetà attrici; u (iii) in kwantu rigwarda s-somma ta' **€266.75** li is-socjetà attrici tikkontendi li giet *reversed* a favur il-konvenuti konjugi Cassar, mir-rendikont anness mar-Rikors promotur jirrizulta li b'dan l-ammont is-socjetà attrici naqqset l-imghaxijiet li ddekorrew fuq is-somma ta' €8,577.18 minn meta infetah il-*Loan Account* fis-27 ta' Ottubru 2008 sa' meta gie effettwat dan il-hlas, ossia sat-23 ta' April 2009. Il-konvenuti konjugi Cassar jikkontendu li tali ammont ma kellux imur kontra imghax li seta' ddekorra fuq is-somma ta' €8,577.18 ghaliex is-socjetà attrici, kemm fid-dawl tal-ftehim milhuq fl-14 ta' Gunju 2007 kif ukoll minhabba l-agir taghha fil-konfront taghhom, ma kellhiex dritt timponi imghax fuqhom u se mai dak il-hlas kellu jmur versu l-imsemmi ammont ta' €8,577.18.

Kif già iktar 'l fuq osservat b'*e-mail* datata **15 ta' Marzu 2007**[31] is-socjetà attrici infurmat lill-konvenuti konjugi Cassar li tul il-perijodu bejn it-23 ta' Novembru 2004 u t-23 ta' Settembru 2006 il-kont relattiv ghall-*Visa Gold Card* taghhom kien gie *credited* bl-ammont komplessiv ta' Lm1,581.88, illum ekwivalenti ghal €3,684.79, minghajr ma dan l-ammont gie *debited* lil xi kont taghhom u ghaldaqstant talbithom ihallsuha s-somma ta' Lm1,581.88. Is-socjetà attrici u l-konvenuti konjugi Cassar waslu fi ftehim dwar il-hlas lura ta' l-imsemmija somma, liema ftehim jirrizulta mill-*e-mail* ta' Pierre Bonnici lill-konvenuti datata **14 ta' Gunju 2007**[32]: *we have increased your card limit by Lm1,600.00 for two years up to the 13th June 2009. New temporary limit is now Lm3,600.00. We will be debiting the card with the amounts listed below. We agreed also that card services will be reversing any interest charged to the card account during the next 24 month period, as a measure to reduce the impact of this bulk debit*. Inizjalment is-socjetà attrici bdiet taghmel *reversal* ta' l-imghax li jkun iddekorra fuq il-bilanc intier tal-kont izda wara l-ewwel tlett *reversals* waqfet teffettwa *reversals* ta' imghax u kien biss wara diversi ilmenti da parte tal-konvenuti li f'**Marzu 2008** gie *reversed* l-imghax li lahaq iddekorra fuq is-somma ta' Lm1,600. Il-konvenuti xorta wahda kkontestaw l-agir tal-bank ghaliex skonthom il-ftehim kien li kellu jigi *reversed* l-imghax fuq il-bilanc intier tal-kont u mhux biss fuq is-somma ta' Lm1,600. B'*e-mail* datata **5 ta' Gunju 2008**[33] is-socjetà attrici gharrfet lill-konvenuti li minkejja dak li jista' jirrizulta mill-*e-mail* ta' l-14 ta' Gunju 2007, il-ftehim minnha intiz kien li jigi *reversed* biss l-imghax fuq is-somma ta' Lm1,600 u mhux fuq il-bilanc intier tal-kont. Il-konvenuti ma qablux mal-posizzjoni adottata mis-socjetà attrici u b'konsegwenza ta' hekk waqfu jeffettwaw pagamenti f'dan il-kont u dan kif jirrizulta car mill-ittra indirizzata lill-Bank datata **24 ta' Gunju 2008**[34]. Fis-**27 ta' Ottubru 2008**[35] il-konvenuti konjugi Cassar gew

---

[31] Fol. 35 tal-process.
[32] Fol. 35 tal-process.
[33] Fol. 36 tal-process.
[34] Fol. 26 sa' 28 tal-process.

infurmati li l-*Credit Card Facility Account* taghhom gie kkancellat u l-bilanc fuqu gie trasferit f'*Loan Account* liem kont, kif soggett ghal diversi termini u kondizzjonijiet imposti mis-socjetà attrici, kellu jigi saldat fi zmien sentejn bl-imghax dekoribbli tul dan il-perijodu sad-data ta' l-effettiv pagament. Fit-**23 ta' April 2009** is-socjetà attrici ghamlet *reversal* tas-somma ta' €266.75, liema somma kienet tirrapprezenta l-imghax li lahaq iddekorra fuq ir-rimanenti bilanc tal-kont li kien abbinat mal-*Visa Gold Card* b'dana ghalhekk li finalment sar *reversal* ta' l-imghax kollu li iddekorra fuq il-bilanc intier ta' dak il-kont kif pretiz u rikjest mill-konvenuti konjugi Cassar.

Fil-fehma tal-Qorti fid-dawl ta' dawn il-fatti s-socjetà attrici ma kenitx gustifikata li fi zmien meta kellha kwistjoni ghaddejja mal-konvenuti konjugi Cassar dwar l-interpretazzjoni tal-ftehim milhuq f'Gunju ta' l-2007, b'mod ghal kollox unilaterali tirrexxindi dak il-ftehim u minflok timponi fuq il-konvenuti konjugi Cassar obbligi godda, iktar u iktar meta finalment spiccat biex tat ragun lill-konvenuti konjugi Cassar u ghamlet *reversal* ta' l-imghax kollu li kien iddekorra fuq il-bilanc intier tal-kont abbinat mal-*Visa Gold Card* taghhom li del resto u fil-fehma tal-Qorti kien dak effettivament miftiehem bejniethom. B'hekk il-Qorti tqis li s-socjetà attrici ma kellha l-ebda dritt tibda tesigi l-hlas ta' l-imghax minghand il-konvenuti konjugi Cassar iktar u iktar meta: (i) it-terminu ta' sentejn miftiehem f'Gunju 2007 ma kienx ghadu iddekorra; u (ii) il-konfuzjoni li kkareterrizat dan il-kaz inholqot minnha stess. Konsegwentement ghalhekk il-konvenuti konjugi Cassar gustament jippretendu li s-somma ta' €266.75 titnaqqas mis-somma kapitali ta' €8,577.18. Apparte minn hekk il-Qorti tqis li s-socjetà attrici setghet tibda tesigi l-hlas ta' l-imghax fuq is-somma lilha dovuta biss mill-15 ta' Lulju 2009, ossia mid-data meta l-konvenuti konjugi Cassar gew giudizzjarjament interpellati ghall-hlas permezz ta' ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk il-Qorti tqis li t-talba attrici gandha tigi milqugha limitatament ghall-ammont ta' €8,310.43 [ossia €8,577.18 - €266.75] fuq liema ammont ghandu jiddekorri imghax legali b'effett mill-15 ta' Lulju 2009 sad-data ta' l-effettiv pagament. Il-Qorti in oltre hija tal-fehma li kemm-il darba s-socjetà attrici onorat il-ftehim milhuq f'Gunju 2007, kif effettivament milhuq u cioè li *card services will be <u>reversing any interest charged to the card account during the next 24 month period</u>*[36] il-kwistjoni bejnha u l-konvenuti konjugi Cassar ma kenitx tasal sa' hawnhekk. B'hekk tqis li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 15 ta' Lulju 2009, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjetà attrici.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti konjugi Cassar in kwantu diretta versu l-

---

[35] Fol. 3 u 4 tal-process.
[36] Sottolinear tal-Qorti.

proponibilità tat-talba attrici u tilqa' in parte l-eccezzjoni taghhom in kwantu diretta versu l-kalkolu ta' l-ammont pretiz mis-socjetà attrici, tilqa' t-talba attrici limitatament ghall-ammont ta' €8,310.43, u tikkundanna lill-konvenuti konjugi Cassar ihallsu lis-socjetà attrici l-imsemmija somma ta' €8,310.43, bl-imghax legali dekoribbli mill-15 ta' Lulju 2009 sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 15 ta' Lulju 2009, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjetà attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------